MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 63/2003

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J. Gatt)
Vs

Keith Rizzo

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) f'San Giljan, fit-13 ta' Mejju, 1995 ghall-habta ta' 8.45 p.m. flimkien ma persuni mhux maghrufa, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni w li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq minn fond f'Lowndes Park", Blokk A, Flat 11, sitwat fi Triq Gdida fi Trejqet il-Bajja, San Giljan, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta

tieghu w li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta' Joseph Hall;
2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sar komplici f'delitt u cioe' f'attentat ta' serq mill-post imsemmi, billi sahhah il-volonta' ta' l-awtur sabiex jaghmel dan id-delitt jew wieghed li, wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 t'April, 2003, li biha wara li rat l-Artikoli 41 (a), 42 (e), 261 (b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 270, 276, 278, 279, 280 u 28A tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 t'April, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. illi l-Ewwel Qorti tat lix-xiehda ta' Joevin Hall konsiderazzjoni zbaljata nonostante li l-istess xiehda hija konfuza w nieqsa mid-dettalji necessarji w dan partikolarment fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-lehen tal-appellant; 2. illi l-inkonsistenza fix-xiehda ta' Hall kienet manifesta meta ma kkonfermax dak li kien qal meta xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti dwar is-suspett li kellu l-appellant ; 3. li l-Ewwel Qorti naqset milli taghti konsiderazzjoni xierqa lill-partijiet determinanti ohra tax-xhieda ta' Hall , partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-intervall ta' hin li ghadda bejn il-mument illi dan ix-xhud sema l-lehen u t-tentattiv ; 4. li Hall innifsu jikkonferma illi mill-hallelin li kienu tlieta , hadd minnhom ma kien jixbah lill-appellant fl-istatura w mill-vuci w dan l-aggravju hu affermat fix-xiehda ta' Anthony Micallef li kien iddeskriva liz-zaghzagh bhala samrin, qieshom stil gharbi.; 5 illi x-xiehda ta' Hall na tistax titqies bhala xhieda preciza w akkurata w l-inverosimiljanza o meno fil-versjoni tal-appellant ma hix sufficjenti f'ghajnejn il-ligi sabiex l-appellant jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-

grad ta’ prova minghajr ebda dubju ragonevoli  ma giex sodisfacentement milhuq fil-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta’ Lulju, 2003, li biha giet esebita fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkonsidrat ;

Illi qabel xejn u qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-kwistjoni tal-apprezzament tal-provi, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm ma sarx appell dwar dan , jidher li l-Ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi sabet htija kemm taht l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni, meta  kien jidher manifestament li dawn kienu akkuzi alternattivi. Di fatti, fil-waqt li l-ewwel imputazzjoni kienet dik ta’ partecipazzjoni bhala KO-AWTUR fir-reat ta’ tentattiv ta’ serq kwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta’ Joseph Hall fit-13 ta’ Mejju, 1995, it-tieni akkuza hi li fl-istess data, lok , hin u cirkostanzi sar KOMPLICI fl-istess tentattiv ta’ serq mill-post imsemmi,  billi sahhah il-volonta’ tal-awtur sabiex jaghmel dan id-delitt jew wieghed li wara l-fatt jassistieh jieqaf mieghu jew jikkompensah .

Issa huwa ovvju li trattandosi tal-istess serqa , l-appellant – jekk kellu jinstab hati - seta’ jinstab hati BISS jew ta’ awtur JEW ta’ komplici , izda mhux tat-tnejn f’daqqa kif fil-fatt sar . ghalhekk f’dar-rigward is-sentenza appellata hija zgur legalment  zbaljata w ma tistax tigi konfermata .

Illi l-aggravji kollha tal-appellant fuq riassunti huma kollha bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li

waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni, (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94]; "ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " [14.2.1989]; "il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991] ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn).

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta.”

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar xi wiehed miz-zewg imputazzjonijiet alternattivi ta’ tentattiv ta’ serq jew komplicita’ fl-istess.

Illi l-provi kontra l-appellant huma prova diretta gejja minn Joevin Hall li kien ser jigi misruq li jghid li qabel ma sab zewg minn-nies dehlin fil-kamra tal-banju tieghu mit-tieqa tax-shaft , kien sema’ lehen l-appellant - li hu kien jafu sew ghax apparti li kien girien tieghu kien habib tieghu ukoll – jghid lill-hallelin li fil-flat ta’ Hall ma kien hemm hadd. Hemm umbaghad ghadd ta’ provi ndizjarji ohra bhal fatt li t-tlitt persuni involuti harbu minn fuq il-post b’ karozza Mazda tal-kiri li kienet mikrija lill-appellant kif ukoll cirkostanzi ohra dwar il-karattru tal-appellant bhal ma huma l-fatt li kien involut fid-droga , li kien jissellef ammonti ta’ flus u jkollu diffikolta’ biex ihallashom lura , di fatti lanqas ghall-kiri tal-car Mazda ma kien hallas ghax ic-cheque li bih hallas ma setax jigi onorat mill-bank minhabba sekwestru . Hemm umbaghad ghad ta’ nkonsistenzi fil-versjonijiet tieghu moghtija kemm lil-Pulizija kif ukoll bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti li huma importanti meta wiehed jigi biex jivvaluta l-kredibilita’ tal-versjoni tieghu li ma kellu x’jaqsam xejn mat-tentattiv ta’ serq in ezami.

Illi l-ewwel agravju tal-appellant hu li Hall ma kienx cert fid-depozizzjoni tieghu meta qal li gharaf il-lehen tal-appellant . Hu minnu li f'certi partijiet tax-xiehda tieghu, Hall donnu seta' wera li ma kienx cert ghal kollox mill-identifikazzjoni tal-lehen tal-appellant, ghax darba qal li l-lehen kien "qiesu" tal-appellant u darba qal li "mhux mija fil-mija cert" ,  pero' "overall" dejjem  baqa' jsostni li l-lehen kien ta' Keith Rizzo u dan anki fil-kors tal-kontro-ezami serrat li sarlu mid-difiza quddiem l-Ewwel Qorti. Issa hija haga komuni li waqt l-ezami w kontro-ezami twil ta' xhud, li dan f'xi mumenti  juza espressjonijiet differenti biex ifisser l-istess haga . Imma meta jaghmel dan mhux necessarjament ikun qed jikkontradixi ruhu jew ikun qed ikun inkonsistenti . Fil-kaz in ezami Hall beda w spicca bil-versjoni li l-lehen li kien sema kien ta' l-appellant u l-Ewwel Qorti kienet gustifikata li tqis din bhala prova tal-involviment tieghu fit-tentattiv tas-serq in dizamina.

Umbaghad il-fatt li Hall xehed li il-lehen semghu gej  jew minn wara l-bieb ta' barra tal-flat tieghu  jew mis-shaft lanqas ma hija xi nkonsistenza ghax kif spjega l-istess Hall, hemm tieqa hdejn il-bieb ta' barra li tati ghal go shaft iehor, mhux dak li nizlu minnu l-hallelin,  u ghalhekk ma setax ikun cert minn liema naha gie l-lehen preciz.  Anzi qaghad attent ghax jekk jghid fiz-zgur,  kien ikun qed jigdeb (fol. 12 tal-process).

Illi kemm jekk il-lehen tal-appellant kien gie minn wara l-bieb ta' barra tal-flat ta' Hall jew kif ukoll minn gox-shaft imsemmi - kif Hall itendi li x'aktarx kien il-kaz – dan b'ebda mod ma kien jaghmilha mpossibbli li hu jkun ikkomunika ma xi wiehed mit-tlitt minn-nies li dak il-hin kienu fuq il-bejt tal-blokk tal-flats ihejju biex jibdew jiddendlu ghal gox-shaft ta' wara . Il-flat ta' Hall kien fis-sular ta' fuq ezatt taht il-bejt fejn kienu qed isiru l-preparattivi ghall-iskalata w ghalhekk facilment wiehed kien jista' jinstemgha minn min kien fuq il-bejt  jekk ried jghaddi xi informazzjoni lill-hallelin. Bl-istess mod li Hall semgha l-lehen minn gewwa, l-hallelin setghu jisimghuh minn fuq il-bejt. Jekk umbaghad il-lehen kien gie minn gox-xhaft ta' quddiem dan ifisser li l-appellant ukoll kien fuq il-bejt dak il-hin u allura zgur li ukoll ma kienx hemm problema biex

jikkomunika mat-tlieta l-ohra. Ghalhekk dan l-aggravju ta' natura fattwali ftit li xejn ghandu sahha.

Ili-fatt li Hall meta rega gie jixhed snin wara l-akkadut iccaqalaq mill-pozizzjoni tieghu dwar xi dettalji periferici tal-kaz jew ghax ma ftakarx ezatt x'kien qal jew ghax deherlu li mhux hekk kien ried ifisser, fil-fehma ta' din il-Qorti ma kellux necessarjament iwassal lill-Ewwel Qorti biex tiskarta l-versjoni tieghu fuq is-sustanza tad-depozizzjoni tieghu fejn asserixxa ripetutament li kien il-lehen tal-appellant li sema jghid lill-ohrajn li fil-flat tieghu ma kien hemm hadd.

Illi l-kwistjoni tat-trapass qasir  tal-hin bejn x'hin suppost instema' l-lehen tal-appellant u x'hin attwalment  tnejn mill-hallelin dahlu fil-kamra tal-banju ta' Hall wara li skalaw sular minn fuq il-bejt tal-flats ukoll ma hux aggravju validu . Fl-ewwel lok jinghid li hadd mhu qed jallega li l-appellant kien wiehed minn dawk li skalaw ghall-isfel u ghalhekk ma kellux ghalfejn imur jigri biex wara li tkellem jibda jiddendel . Fit-tieni lok fil-hin ta' xi minuti li semma Hall , kien altru milli facli li xi hadd jiddendel id-distanza qasira t'inqas minn sular nvoluta, wara li jigi moghti l-"all clear" mill-appellant .

Illi r-raba aggravju li jirrigwarda l-identita' tal-hallelin li ddendlu ghal-isfel u li wara ntlemhu jigru fit-triq jidher li hu fondat biss in kwantu jidher li ebda wiehed minn dawn ma kien l-appellant . Izda dan ma jeskludix li l-appellant kien hemm ukoll qed jidderigi l-operazzjoni bla ma nizel fix-shaft u bla ma harab mat-tlieta l-ohra . Hu facilment seta' rega' dahal fil-flat tieghu kontiugwu ghall-blokk fejn sar it-tentattiv sakemm tghaddi il-"hue and cry" u ma harigx fit-triq jahrab kif kellhom jaghmlu l-ohrajn. Dan pero' ma jnaqqasx l-involviment tieghu fit-tentattiv tas-serqa al menu bhala komplici , kif del resto talbet li jinstab hati il-Prosekuzzjoni fit-tmien tat-trattazzjoni taghha traskritta quddiem l-Ewwel Qorti ( ara fol. 230 tal-process) .

Illi umbaghad huwa sinifikattiv hafna li ma kien hemm ebda animosita' bejn Hall u l-appellant . Ghal kuntrarju dawn kienu hbieb u Hall kien sahansitra jghin lill-appellant

fil-problemi tieghu w anki wara dak li kien gara, baqa’ habib tieghu . (fol. 21) . Ghalhekk lanqas kien il-kaz ta’ xi movent sinistru li seta’ spinga lill-Hall li jati xi testimonjanza falza kontra l-appellant.

Illi hemm ukoll ic-cirkostanza ndizjarja sinifikattiva hafna li tkompli torbot lill-appellant mall-kaz u b’hekk tikkorobora l-versjoni ta’ Hall li l-appellant kien decizament involut fit-tentattiv. Din hija l-fatt li t-tlitt minn nies dehru jaharbu mill-post go Mazda tal-kiri li kienet inkriet mill-appellant . L-appellant jipprova jispjega din ic-cirkostanza probatorja mportanti billi jghid li hu kien kera din il-karozza biex jaghmel pjacir lil certu Steve Said , illum mejjet, u ta’ karattru dubbjuz u kriminali , ghax tal-garage lil Said ma kienx jikrilu u ghalhekk ippresta ismu biex il-kirja ssir f’ismu . Dana ghalkemm hu stess stqarr li ma kienx jafda lil Said! L-ewwel Qorti kellha kull dritt li ma taccettax din l-ispjegazzjoni bhala wahda verosimili w kredibbli , specjalment fid-dawl ta’ nkonsistenzi ohra li hemm fix-xiehda tal-appellant quddiem l-Ewwel Qorti u divergenzi bejn dak li hu kien qal fl-istqarrijiet tieghu lill-Pulizija (fols. 110 sa 118 tal-process) u dak li qal fix-xiehda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti. Dawn gew kollha trattati mill-Ewwel Qorti fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata fil-parti fejn kienet qed tati r-ragunijiet ghala ma setghet taghti ebda piz lill-versjoni jew ahjar il-versjonijiet tal-imputat u ghalhekk ma hemmx ghalfejn jergghu jigu ripetuti “in extenso” hawn. Din il-Qorti ma ghandha ebda raguni valida ghala tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet tal-Ewwel Qorti f’dar-rigward.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien involut fit-tentattiv tas-serqa in ezami u ghalhekk din il-Qorti sa hawn ma’ ghandix ghalfejn tissostitwixxi il-gudizzju taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.

Tibqa’ pero’ miftuha l-kwistjoni li gja sar accenn ghaliha aktar il-fuq f’ din is-sentenza w cioe’ jekk il-htija w partecipazzjoni riskontrata tammontax ghal dik ta’ partecipazzjoni bhala ko-awtur jew bhala komplici. Issa

mit-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti jidher car li hija kienet qed titlob dikjarazzjoni ta’ htija bhala komplici minkejja li fl-akkuza hi kienet tat l-imputazzjoni alternattiva ta’ awtur jew ko-awtur tat-tentattiv ta’ serq.

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-process kollu taqbel mall-Prosekuzzjoni w thoss li l-provi li tressqu jistghu legalment u ragonevolment iwasslu ghall-konvinciment morali f’mohh il-gudikant li l-appellant kien fil-fatt hati tal-komplicita’ fit-tentattiv ta’ serq in ezami u ghalhekk l-Ewwel Qorti fil-waqt li kienet korretta meta sabet lill-appellant hati taht it-tieni imputazzjoni, ma setghetx legalment issibu ukoll hati taht l-ewwel imputazzjoni fejn hu gie akkuzat bhala ko-awtur . Ghalhekk zgur li hemm lok ta’ riforma tas-sentenza appellata f’ dan is-sens.

Illi finalment ma sar ebda appell dwar  il-piena “ut sic” u f’kull kaz mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” [14.6.1999] , “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi .

Illi skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali, l-komplici f’delitt jehel il-piena stabilita ghall-awtur u ghalhekk il-konkluzzjoni fuq raggunta “per se” ma’ ghandix teffettwa l-piena.

Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant umbaghad jidher li fil-mori ta’ din il-kawza hu gie sentenzjat darbtejn mill-Qrati fuq pussess ta’ droga dejjem fil-periodu ta’ din il-kawza w ghalhekk jidher li ma hax lezzjoni mill-proceduri penali in korso kontra tieghu w baqa’ ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament u hekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati

tal-ewwel imputazzjoni li kien ko-awtur fit-tentattiv ta’ serq aggravat bil-mezz, valur , lok u hin u tikkonfermaha in kwantu sabitu hati taht it-tieni imputazzjoni alternattiva ta’ komplicita’ fl-istess tentattiv ta’serq u fejn ikkundannatu ghall-periodu ta’ sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin li jibdew jiddekorru mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------